**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 30 ta` Marzu 2017**

**Kawza Nru. 8**
**Rik. Gur. Nru. 833/14 JZM**

**T&L Holdings Limited**

***kontra***

**(1) Francis Busuttil & Sons Limited**
**(2) Michael Busuttil**
**(3) Maria Schaerrer**
**(4) Simone Pace**
**(5) Natasha Busuttil**
**(6) Rebecca Darmanin Kissaun**
**(7) Christian Busuttil**
**(8) Maryanne Lanzon**
**(9) Joanna Decesare**
**(10) Roberta Pecci**
**(11) Paul Busuttil**
**(12) Joseph Busuttil**
**(13) Claire Pace**
**(14) Suzanne Busuttil**
**(15) Stealth Holdings Limited**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat prezentat fl-24 ta` Settembru 2014 li jaqra :–

*1. Illi T&L Holdings Limited ghandha l-proprjeta` ta` 20% tal-kapital azzjonarju tal-Kumpannija Francis Busuttil & Sons Limited (C334) [FBS].*

*2. Illi FBS kienet giet imwaqqfa mill-hames ahwa Busuttil, u cioe` Anthony, Charles, Frank, Joseph u Louis Busuttil (Founding Members). Illum il-kumpannija FBS taqdi funzjonijiet ta` holding company u tramite diversi sussidjarji tikkontrolla n-negozju tal-familja Busuttil, negozju li jinkludu fost l-ohrajn kumpanniji maghrufa bhala Foster Clarke Products Limited.*

*3. Kull wiehed mill-Founding Members kellu 20% tal-kapital azzjonarju tal-kumpannija FBS u kellu wkoll, ghax dan kien il-patt bejn l-azzjonisti, id-dritt li jinnomina direttur ghal fuq il-Bord tad-Diretturi tal-Kumpannija.*

*4. Illi originarjament id-diretturi tal-Kumpannija kienu l-hamest ahwa. Kull darba li rrizenja jew miet direttur dan gie sostitwit minn membru tal-familja tieghu u dan skont ix-xewqa tal-familja tieghu li f`dak il-mument kienu azzjonisti tal-kumpannija u flimkien kellhom ghoxrin fil-mija tal-ishma tal-kumpannija. Dan ifisser li bejniethom kellhom id-dritt li jinnominaw direttur.*

*5. Illi l-ezistenza tal-patt bejn l-azzjonisti huwa ndubitat u ghalkemm ma jirrizultax formalment mill-istatut tal-Kumpannija, kien gie segwit skrupolozament sakemm inqala` l-kaz mertu ta` dawn il-proceduri.*

*6. Illi whud mill-azzjonisti u diretturi tal-kmpannija intimata qed jippretendu li qatt ma kien hemm patt f`dan is-sens.*

*7. Illi ricentement ir-rikorrenti talbiet li tinnomina direttur gdid minflok id-direttur precedentement minnha precedentement nominat, u cioe` li Franco Busuttil, jigi sostitwit b`Jean Paul Busuttil, werriet iehor ta` Louis Busuttil. Il-Kumpannija, izda, sorprendentement, irrispondiet li r-rikorrenti, bhala azzjonista, ma kellhiex il-jedd li tinnomina direttur ghaliex dak il-jedd kien jispetta biss lill-maggoranza tal-membri tal-Kumpannija migbura f`laqgha*

*generali. Hemm skambju ta` korrispondenza fuq il-kwistjoni li qieghed jigi esebit u mmarkat Dokument A.*

*8. Illi r-risposta tal-kumpannija hija wahda zbaljata ghaliex ma tihux kont tal-patt u anzi tmur kontra l-patt li jezist bejn l-azzjonisti.*

*9. Illi l-agir tal-intimati jew min minnhom huwa ta` hsara ghar-rikorrenti li ghandha interess car u evidenti li tenforza l-patt premess.*

*10. Illi r-rikorrenti qed taghmel din il-kawza biex tenforza d-drittijiet taghha.*

*Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi u ghal dawk li jistghu jirrizultaw waqt is-smigh tal-kawza r-rikorrenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha :-*

*1. Tiddikjara li l-Kumpannija T&L Holdings Limited ghandha l-jedd li jigi mahtur fuq il-Bord tad-Diretturi ta` Francis Busuttil & Sons Limited dik il-persuna li minn zmien ghal iehor joghgobha tinnomina.*

*Bl-ispejjez ta` dawn il-proceduri kontra l-intimati jew min minnhom.*

*B`riserva ta` kull azzjoni ghad-danni spettanti kontra l-intimati jew min minnhom.*

*L-intimati u/jew ir-rapprezentanti taghhom huma minn issa ngunti in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta` dokumenti.

Rat ir-risposta guramentata ta` Rebecca Darmanin Kissaun, Natasha Busuttil, Paul Busuttil, Joanna Decesare, Mary Ann Lanzon, Roberta Pecci Busuttil, Clarissa Pace, Maria Schaerrer Busuttil, Simone Pace Busuttil, Christian Busuttil, Joseph Busuttil, u Michael Busuttil, prezentata fis-16 ta` Ottubru 2014 li taqra :–

*1. It-talba ghandha tigi michuda ghaliex mhux minnu li T&L Holdings Limited ghandha l-jedd li jigi mahtur fuq il-Bord tad-Diretturi ta` Francis Busuttil & Sons Limited dik il-persuna li minn zmien ghal zmien joghgobha tinnomina.*

*2. Salvi eccezzjonijiet ohra.*

Rat ir-risposta guramentata ta` Suzanne Busuttil u Stealth Holdings Limited, prezentata fit-<u>23 ta` Ottubru 2014</u> li taqra :–

*1. ILLI huma jaqblu ma` l-ezistenza ta` dan il-patt illi l-membri u azzjonisti tal-familja tal-founding members cioe` legacy families tal-hames membri inizjali, jinnominaw Direttur fuq il-Bord tad-Diretturi ta` Francis Busuttil & Sons Limited (FBS). Jigi ccarat ukoll illi Brian Busuttil proprio u mhux Stealth Holdings Limited huwa azzjonist f`FBS.*

*Tant illi meta tnehhiet Suzanne Busuttil minn Direttur f`FBS, fi proceduri ohrajn quddiem din il-Qorti, gie invokat inter alia proprju dan il-fatt. L-esponenti izidu ighidu illi hija naturalment id-decizjoni tal-azzjonisti tal-familja tal-founding member il-persuna li tkun nominat/a bhala Direttur.*

*Ghalhekk, fid-dawl tas-suespost, jirrimettu rwiehom ghad-decizjoni tal-Qorti.*

*Jissemma` biss li l-esponenti jichdu kull responsabilita` ghal pretensjoni ta` danni, aktar u aktar meta tilfu rapprezentant taghhom f`FBS.*

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta guramentata ta` Francis Busuttil & Sons Limited, prezentata fis-<u>27 ta` Ottubru 2014</u> li taqra :–

*1. Illi r-relazzjonijiet bejn il-kontendenti/l-azzjonisti huma regolati bl-Att Socjali u in mankanza bid-disposizzjonijiet tal-Ligi dwar il-Kumpaniji (l-Att).*

2. *Illi l-att socjali tas-socjeta esponenti ma jaghti l-ebda dritt lil uhud mill-azzjonisti li jahtru direttur u lanqas ma jipprovdi dwar dan.*

3. *Illi ghalhekk il-materja dwar il-hatra ta` diretturi hi regolata bl-Artikolu 139(4) ta` l-Att.*

4. *Illi bla pregudizzju ghal dak fuq espost anke kieku ghal grazzja ta` l-argument kien hemm xi patt (li del resto lanqas hu in iscritto) kif qeghda tippretendi s-socjeta rikorrenti, barra mill-att socjali, huma l-att socjali u l-Att li jipprevalixxu.*

5. *Illi barra min dan fost id-direturi prezenti tas-socjeta esponenti hemm Franco Busuttil li hu azzjonist ta` l-istess socjeta rikorrenti.*

6. *Illi l-esponenti nomine jiddikjara li hu jaf il-fatti fuq citati personalment.*

7. *Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Ghaldaqstant it-talbiet tas-socjeta rikorrenti ghandhom jigu respinti bl-ispejjez.*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta` dokumenti.

Semghet ix-xiehda u rat il-provi l-ohra li tressqu fil-kors tal-kawza.

Rat illi fl-udjenza tal-20 ta` Mejju 2016 hija laqghet it-talba tal-partijiet sabiex il-provi li ngabru fil-kawzi Nru. 642/2012 JZM, Nru. 802/2014 JZM u Nru. 12/2015 JZM ikunu jikkostitwixxu prova ghall-fini ta` din il-kawza.

Rat il-provi li ngabru fil-kawzi Nru. 642/2012 JZM, Nru. 802/2014 JZM u Nru. 12/2015 JZM.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar bil-fomm li saru fl-udjenza tat-22 ta` Novembru 2016.

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghal provvediment ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. Provi

**Louiana Busuttil** xehdet illi hija tigi t-tifla ta` Louis Busuttil (illum mejjet) wiehed mill-hames ahwa Busuttil ("**il-hamest ahwa**") li kienu ffurmaw il-kumpannija Francis Busuttil & Sons Limited ("**FBS**").

Missierha dahal fin-negozju fl-1959, li fl-1966 in-negozju tal-ahwa sar FBS.

Spjegat li z-ziju taghha Charles Busuttil ma kienx appuntat direttur flimkien ma` l-erba` hutu izda imbaghad dahal fin-negozju fl-1972.

Tghid illi n-nannu taghha Pawlu kien ghamilha cara li minkejja li Charles ma kienx inghaqad fin-negozju mill-ewwel, huwa kien ser ikollu l-istess drittijiet ta` votazzjoni bhal hutu l-ohra, peress illi n-nannu Pawlu kien jinsisti fuq l-importanza ta` l-ugwaljanza.

Kompliet tghid li T & L Holdings Limited ("**T&L**") saret kumpannija April 1986 bhala parti mill-pjan ta` successjoni ta` missierha u in linea mal-vizjoni li kellu li jghaddi l-gid tieghu minn generazzjoni ghal ohra.

Xehdet illi hija direttur, kif ukoll azzjonista bi 33% tal-ishma ta` T&L.

Stqarret illi kull 20% tal-ishma ta` FBS u cioe` kull wiehed minn hamest ahwa Busuttil jappunta direttur tal-ghazla tieghu.

L-unika limitazzjoni kienet illi d-direttur irid ikun membru tal-familja.

Fissret illi dan kien il-ftehim bejn il-hamest ahwa. Il-ftehim baqa` dejjem jigi adoperat sakemm fi zmien ricenti T&L ma thallietx li jkollha direttur li tappunta hi.

Qalet illi z-ziju Frank miet Dicembru 1986.

Qabel miet, il-hames diretturi kienu il-hamest ahwa : Frank, Joseph snr, Louis, Tony u Charles.

Kien Jannar 1987 illi Michael iben Frank kien appuntat fuq il-bord.

Missierha miet Jannar 2003. Ftit tal-gimghat wara, T&L irceviet ittra mill-Av. Joseph. J. Vella – bhala *company secretary* ta` FBS - fejn stiednet lil T&L sabiex tappunta direttur minflok missierha. Saret laqgha tal-bord tad-diretturi ta` T&L fejn intlahaq ftehim li d-direttur il-gdid ikun huha Franco ghal terminu fiss. Intbaghtet rizoluzzjoni lil Dr Vella li wiegeb illi l-hatra ma setghetx tkun ghal terminu fiss. Ghalhekk saret emenda fir-rizoluzzjoni sabiex Franco jkun mahtur ghal zmien indefinit.

Kompliet tixhed illi meta z-ziju Joe miet Mejju 2007, ibnu Joseph ha postu bhala direttur. T&L ma kenitx involuta fil-hatra ta` Joseph bhala direttur. Kemm Joseph jnr u Franco kienu jattendu l-bord meta missierijiethom ma setghux ikunu prezenti. Tiftakar lill-kugina taghha Suzanne Busuttil tidher fuq il-bord sa mill-2006. Ghalhekk it-trasferiment ta` l-ishma ta` missier Suzanne a favur taghha u ta` huha fl-2007 ma kenitx sorpriza.

T&L ma kellhiex x`taqsam mal-hatra ta` Suzanne fuq il-bord.

Tghid illi Charles miet Ottubru 2011. Ibnu Christian kien ser jigi appuntat minflok missieru.

Spjegat li Suzanne pprotestat dwar it-testment ta` Charles kif ukoll dwar il-validita` tal-hatra ta` Christian.

L-azzjonisti ddejqu b`din l-insistenza da parti ta` Suzanne u ma kellhomx triq ohra ghajr li jivvutaw favur il-hatra ta` Christian waqt laqgha li saret Dicembru 2011.

Ipprecizat illi waqt il-laqgha, kulhadd kien tal-fehma li kienu qed jahlu iz-zmien taghhom, u li dan ma kienx sewwa konfront kontra l-familja ta` Christian, tant illi fil-laqgha, kien mahtur Christian bhala direttur in linea mal-ftehim li kien hemm vigenti bejn l-azzjonisti.

Insistiet illi qatt ma kien hemm dubbju illi Charles kellu jigi sostitwit fuq il-bord minn wiehed minn uliedu ; kif ukoll illi dak id-direttur il-gdid kellu jkun maghzul minn bejn uliedu.

Kompliet tghid illi l-fatt li huha Franco qatt ma hass il-bzonn li jiddiskuti ma` T&L u jgib l-awtorizzazzjoni taghha biex jiffirma ghal T&L il-hatra ta` Christian ikompli juri li dan kien il-ftehim bejn l-azzjonisti, ossija li kull familja kellha d-dritt li tappunta direttur mill-familja taghha.

Kompliet tghid li hija saret taf bir-rizenja ta` huha Franco mill-bord ta` Francis Busuttil & Sons (Marketing) Limited ("**<u>FBSM</u>**") b`*email* li baghat huha z-zghir Jean Paul fl-14 ta` April 2014.

Spjegat li fl-*email* huha talabha li titkellem mieghu b`mod urgenti din ir-rizenja.

Kompliet tghid li Franco kien irrizenja b` mod immedjat u wera x-xewqa li jirrizenja minn kull bord.

Spjegat li ghall-ewwel hasbet li Franco kien ser jirrizenja minhabba ragunijiet ta` sahha izda wara sab li dan kien ser jirrizenja minhabba n-negozju personali tieghu u ma` ibnu Francesco.

Kien miftiehem illi Jean Paul jiehu post Franco.

Madanakollu Franco naqas li jattendi ghal laqghat li kienu miftehma ; ghalhekk ma kellhomx alternattiva hlief illi jaccettaw ir-rizenja ta` Franco.

Kompliet tixhed illi Av J J Vella kien infurmat bil-miktub li Franco ma kienx ghadu d-direttur maghzul minn T&L, li kien ser jigi sostitwit minn Jean Paul. Av. Vella avzahom illi huwa kien baghat dik id-decizjoni lil Franco ghall-

kummenti tieghu. In segwitu kienet infurmata li Franco ma kienx ghadu rrizenja u li kien ghadu qed jokkupa l-hatra ta` FBS.

Kompliet tghid li l-pozizzjoni ta` Franco illum hija kuntrarja ghal rizoluzzjoni ta` T&L fis-sens illi l-pozizzjoni kienet tmur kontra d-dritt ta` T&L li jkollha direttur maghzul u approvat minnha.

Stqarret illi dak li riedet hu kien biss unita` u djalogu.

Sostniet li huma wirtu mhux biss flus izda r-rispett ; rispett fis-sens illi l-hamest ahwa dejjem kellhom rispett lejn xulxin.

Skont ix-xhud, l-inqas haga li setghu kien illi jonoraw il-memorja tal-familjari taghhom bil-harsien tal-interessi ta` kulhadd.

**Jean Paul Busuttil** xehed li huwa iben Louis Busuttil.

Louis Busuttil kien wiehed mill-hamest ahwa.

In-nannu tieghu Pawlu kien il-proprjetarju tan-negozju F. Busuttil & Sons flimkien ma` huh.

Fl-1966 ftehmu li ssir kumpannija li n-negozju jkun trasferit li FBS.

Fl-1959, missieru u l-erba` hutu Frank, Joseph, Anthony u Charles hadu t-tmexxija tan-negozju ta` FBS minghand missierhom ; b`hekk kull wiehed mill-hames ulied subien kellu 20% tal-ishma ta` FBS.

Spjega li dak iz-zmien, Charles Busuttil kien ghadu zghir biex ikun direttur. Ghalhekk Paul baqa` jokkupa l-post tieghu sal-1972.

Kompla jghid illi l-kuncett kien illi l-kumpannija tinbena fuq il-hamest ahwa.

Fl-1986 missieru ttrasferixxa l-ishma tieghu go FBS lil T&L sabiex ikun hemm pjan dwar is-successjoni ta` dawk l-ishma. Il-hsieb kien illi wara l-mewt ta` missieru, l-interess tal-familja taghhom jibqa` dak ta` entita` wahda.

Riferibbilment ghall-kompozizzjoni tal-bord tad-diretturi, stqarr illi originarjament, il-hames diretturi kienu Paul (ghan-nom ta` Charles), Frank, Louis, Joseph snr u Anthony.

Fl-1986 miet Frank, u wara tnax-il gurnata, kien appuntat Michael Busuttil, b`mod naturali u awtomatiku.

Fl-2003 miet misseru. Huwa kien sostitwit minn huh Franco, wara li T&L kienet mistiedna tinnomina persuna ohra minflok. Kienet saret diskussjoni interna bejn it-tliet ahwa u kien maghzul Franco, li kien diga` deher fuq il-bordijiet minflok missierhom.

Stqarr illi saret rizoluzzjoni bil-miktub sabiex Franco jinhatar ghal zmien definit. B`ittra l-Av. Vella, il-*company secretary*, qalilhom li z-zmien tal-hatra kellu jkun indefinit. Skond l-Av. Vella dan kien "*in line with what had been done some years ago on the passing away of Frank Busuttil, on which occasion Michael Busuttil had been appointed to serve on the Board of FBS.*" Qalilhom illi kienet l-intenzjoni tieghu "*to draw up a resolution to be signed by the shareholders of FBS effecting such appointment.*"

Sostna li qatt ma ssejhet laqgha generali ta` l-azzjonisti ta` FBS sabiex tkun diskussa l-hatra ta` Franco fuq il-bord. Ir-rizoluzzjoni li rrefera ghaliha Dr Vella fl-ittra tieghu qatt ma giet pprezentat lilhom jew kienet xi darba diskussa.

Kompla jghid li meta miet Joseph Busuttil snr fl-2007, kien sostitwit minn ibnu Joseph. Ghal darb` l-hatra qatt ma kienet diskussa b`mod formali waqt laqgha generali ta` l-azzjonisti ta` FBS jew fil-bord tad-diretturi ta` T&L. Il-hatra ta` Joseph jnr saret madwar 11-il xahar wara l-mewt ta` Joseph snr ghaliex l-eredi kienu damu ma hadu decizjoni dwar min kien ser ikun is-sostitut. Il-familja ta` Joseph jnr inghatat id-dritt li taghzel id-direttur taghha u tiehu z-zmien kollu li kellha bzonn.

Qal illi Anthony Busuttil irrizenja fit-2 ta` April 2008 u sostwit fuq il-bord minn bintu Suzanne Busuttil. Ghall-fini ta` din il-hatra, T&L rega` ma kenitx konsultata. Lanqas saru diskussjonijiet fil-livell ta` l-azzjonisti. Ma kenitx

iffirmata l-ebda rizoluzzjoni ; dan kollu kien dovut ghall-fat illi kien naturali li kull familja jkollha r-rapprezentant taghha. Suzanne kienet diga` tattendi ghal laqghat tal-bord qabel missierha rrizenja.

Ipprezenta ittra mibghuta fis-27 ta` Gunju 2007 mill-Av. Vella, *company secretary* ta` FBS lic-*Chairman* ta` FBS fejn infurmah illi Anthony Busuttil kien ittrasferixxi b`donazzjoni l-ishma tieghu favur uliedu Suzanne u Brian. Fl-istess ittra, inghad illi Suzanne kienet sejra tiehu post missierha fil-bord tad-diretturi. Din l-ittra kienet segwita b`ohra datata 24 ta` Ottubru 2007 li baghtu Anthony, u wliedu Brian u Suzanne Busuttil, indirizzata lic-*Chairman*, fejn kien ikkonfermat il-kontenut ta` l-ittra tas-27 ta` Gunju 2007. Finalment fil-15 ta` Jannar 2008, Dr Vella kiteb lil Anthony u lil uliedu Brian u Suzanne, fejn ikkonferma l-hatra ta` Suzanne bhala direttur.

Kompla jixhed illi wara l-mewt ta` Charles Busuttil fit-30 ta` Ottubru 2011, huwa haseb li dan ser jigi sostitwit b`wiehed minn uliedu, izda Suzanne Busuttil sejhet laqgha generali straordinarja ta` FBS. Wahda mill-items fuq l-agenda kienet il-hatra ta` Christian Busuttil bhala direttur ta` FBS. Din kienet sorpriza peress li kienet l-ewwel darba li ser jinzamm laqgha biex tigi diskussa s-sostituzzjoni ta` direttur minn missier ghal wiehed minn uliedu. Fil-laqgha, Dr Vella spjega li l-hatra kienet qed isehh skont it-tradizzjoni tal-familja u in linea ma` dak li diga` kien sar fil-passat u cioe` illi meta wiehed mill-missierijiet imut, wiehed mill-ulied tal-mejjet jigi appuntat fil-bord. Suzanne u Brian kienu qed jopponu l-hatra ta` Christian peress li kellhom problema dwar il-wirt ta` Charles Busuttil. Fil-bidu ta` l-laqgha, huwa kien ikkummenta li l-laqgha lanqas biss kien messha saret peress li kien naturali li Rebecca Darmanin Kissaun, Natasha u Christian Busuttil jaghzlu wiehed minn fosthom halli jiehu post Chales Busuttil fil-bordijiet. L-azzjonisti vvotaw favur il-hatra ta` Christian Busuttil bhala direttur ta` FBS. Ghall-bidu Christian kien ser ikun fuq il-bord ta` FBS u wara kien ser ikun ukoll fuq il-borijiet tasl-kumpanniji sussidjarji wkoll ; dan skont ma avza Av. Vella.

Qal illi Awissu 2014, Av. Lorraine Conti u ohtu inghataw access ghall-muniti ufficjali tal-bord ta` diretturi u tal-laqghat generali tal-kumpanija. Dawn il-minuti kienu lkoll minghajr data. Insista li huh Franco qatt ma kien awtorizzat minn T&L sabiex bhala azzjonista ta` FBS jiffirma ghan-nom taghha ir-rizoluzzjonijiet.

Fisser illi fl-1997 il-hamest ahwa kienu bdew jahsbu ghas-sucessjoni taghhom. Kienu ffurmaw Busuttil *family council* maqsum go zewg gruppi, u cioe` il-generazzjoni anzjana u dik zaghzugha. Michael Busuttil kien mdahhal fil-grupp tal-generazzjoni anzjana billi kien qed jigi kkunsidrat bhala s-sostitut ta`

missieru Frank. Ic-*chairman* ta` dan il-kunsill kien Charles. Il-grupp taz-zghazagh kien kompost mill-kugini, Franco, Joseph jnr, Michael u hu. L-idea kienet sabiex ikun hemm successjoni facli bejn iz-zewg generazzjonijiet. Kien iffirmat ftehim bi pjan ta` ristrutturar (Dok JP9). Fil-prezenza tieghu, bhala membru tal-*family council*, kien diskuss diversi drabi li t-tfal ta` Anthony Busuttil ma kinux interessati li jkunu involuti fin-negozju. Ghalhekk kien miftiehem mill-membri tal-grupp ta` l-anzjani illi Chris Degiorgio, iben il-mejta Maria Degiorgio (u kien l-oht il-kbira tal-hamest ahwa) jinhatar bhala direttur fil-kumpanniji sussidjarji minflok Anthony u uliedu sakemm Brian u Suzanne jkunu interessati jippartecipaw. Chris Degiorgio kien appuntat April 2000 wara l-firma tal-ftehim Dok JP9.

Kompla jghid illi kien deciz illi FBS tinbidel ghal *holding company* sabiex "*each branch of the five families will appoint a director.*" Sar ftehim f`dan is-sens li kien iffirmat minn kull membru, u dejjem kien onorat sakemm l-azzjonisti naqsu li jaccettaw il-hatra tieghu minflok Franco.

Stqarr illi saret laqgha informali ta` Foster Clark Products Limited fil-11 ta` April 2014 wara laqgha tal-bord ta` FBS. Franco talab lil Dr Vella biex jerga` jsejjah il-laqgha peress li kellu avviz x` jaghti. Franco qal illi ried jirrizenja minn Managing Director ta` FBS (Marketing) u li ried ikun biss *non-executive director*. Franco qal ukoll li jekk din kienet problema huwa kien lest li jirrizenja minn kollox. Din kienet sorpriza kbira ghalih. Saret laqgha tal-bord ta` T&L fejn Franco rega` kkonferma x-xewqa tieghu li jirrizenja. Ir-reazzjoni kienet li kwistjoni ta` dik ix-xorta kellha tigi kkunsidrata b`reqqa biex ma jinholoqx pregudizzju. Madanakollu, Franco sahaq ma` Dr Conti l-*company secretary* ta` T&L li ried jiffirma l-ittri ta` rizenji dak il-hin stess.

Kompla jghid illi kien miftiehem li Franco jibqa` fil-posizzjoni ghal perijodu ta` tmien gimghat, u wara seta` jkompli jsegwi l-interessi personali tieghu, li milli seta` jifhem kienu in konflitt jew kompetizzjoni diretta ma` dawk tal-grupp. Kien deciz illi hu jiehu post Franco. Gara illi wara ssejhu diversi laqghat ta` T&L li ghalihom Franco ma kienx attenda. Il-bord ta` T&L accetta r-rizenja ta` Franco u nforma b`dan lill-*company secretary* ta` FBS. Fl-ittra li nbaghtet lil Dr Vella kien avzat ukoll illi hu kien ha post Franco. Min-naha tieghu Dr Vella wiegeb illi l-ittra taghhom kienet ser tmur ghand Franco ghall-kummenti tieghu. Wara xi jiem, Dr Vella kiteb lil T&L fejn avzaha illi Franco ma kienx irrizenja mill-kariga tieghu ta` direttur fuq il-bord ta` FBS.

**<u>Anthony Busuttil</u>** xehed illi missieru kien Paul Busuttil. Ahwa subien huma kienu hamsa u cioe` hu, Frankie, Joe, Louis u Charlie. Meta kien ghadu haj missieru, il-hamest ahwa ghamlu kumpannija Francis Busuttil & Sons

Limited. Id-diretturi taghha kienu l-hamest ahwa. Kull haga li kienet tinvolvi spejjez kbar kellha ssir il-kunsens tal-hamest ahwa. Il-ftehim kien bil-kelma.

Xehed illi meta miet missieru, huma l-hamest ahwa subien hallsu dak dovut lil huthom il-bniet. Il-hamest ahwa subien kellhom ishma indaqs. Il-ftehim kien illi meta jmut wiehed minnhom, minflok jidhol ibnu. Safejn jaf hu, din il-haga kienet miktuba fil-memorandum u l-articles of association.

Fisser illi meta miet Frankie, lahaq ibnu Michael minflok. Michael kien ghadu zghir u ghalhekk ommu kienet ghadha tikkmanda, izda huma kienu jzommu l-kelma u xorta kienu jitolbu l-firma ta` Michael. Michael sar direttur flimkien ma` l-erba` zijiet subien tieghu. Mal-mewt ta` Louis, lahaq ibnu Franco. Mal-mewt ta` Joe, lahaq ibnu Joseph. Mal-mewt ta` Charlie, gara l-istess. Spiccaw hu u erba` neputijiet bhala diretturi.

Sostna li neputi iehor tieghu Chris Degiorgio t-tifel ta` ohtu kien johodlu hsieb l-interessi tieghu ghalkemm hu baqa` direttur. In segwitu ghadda l-ishma tieghu lil uliedu Brian u Suzanne. U hu ma deherx aktar. Huwa ma kienx jaqbel li n-negozju jibqa` tas-subien. Hatar lil Chris Degiorgio minfloku peress li Brian u Suzanne kienu ghadhom qed jistudjaw. Chris Degiorgio kien jiehu hsieb ta` kull ma kellha x`taqsam Foster Clark.

Ikkonferma li bintu Suzanne saret direttur minfloku meta huwa ttrasferixxa l-ishma tieghu lil uliedu. Ittrasferixxa kollox lil uliedu fuq parir ta` Av. J J Vella.

**Suzanne Busuttil** xehdet li missierha ttrasferixxa l-ishma tieghu b` att ta` donazzjoni favur taghha u ta` huha Brian f`ishma indaqs fil-5 ta` Mejju 2007.

Skont il-*memorandum* u l-*articles of association* ta` FBS, biex tkun direttur, trid tkun azzjonist. Ghalhekk, malli missierha ttrasferixxa l-ishma tieghu, huwa ma kienx ghadu azzjonist u ma setax jibqa` direttur. Spjegat li hi ftehmet ma` huha li tkun hi d-direttur li tirraprezenta l-familja taghhom. Spjegat li hija nfurmat b`dan kollu lil Dr Vella u talbitu jipprepara l-inkartament mehtieg. Spjegat li Dr Vella li huwa l-*company secretary* kiteb ittra datata 27 ta` Gunju 2007 lil *chairman* tal-kumpanija bix-xewqat tal-familja taghhom. Spjegat li sussegwentement, hi, huha u missierha baghatu ittra fl-24 ta` Ottubru 2007 fejn ikkonfermaw il-kontenut ta` l-ittra li kien kiteb Dr Vella. Spjegat li din saret ghax giet mitluba minn Dr Vella.

Kompliet tghid li fil-15 ta` Jannar 2008, huma rcivew ittra minn Dr Vella li fi zmien gimgha, hija kienet ser tigi appuntata bhala direttur u missierha kellu jirrizenja. Spjegat li dan kollu izda sehh fit-2 ta` April 2008. Spjegat li ghall-hatra taghha, ma gietx imsejha laqgha generali straordinarja u lanqas intalab il-kunsens ta` xi azzjonist iehor. Spjegat li d-decizjoni tal-hatra taghha kienet ghazla maghmula mill-familja taghha biss.

Ikkonfermat li fil-kaz tal-hatra ta` Christian Busuttil bhala direttur, kienet saret laqgha generali straordinarja. Spjegat li mal-mewt ta` Charles, saret laqgha informali tal-bord u l-*company secretary* kien qal li kien hemm bzonn li jigi appuntat Christian bhala direttur tal-kumpanija. Spjegat li dan kien insista li din kienet kwistjoni urgenti u li kien ser jipprepara l-karti u jghaddi rizoluzzjoni biex tigi ffirmata mill-azzjonisti kollha. Spjegat li f`laqgha ohra informali, hi u huha nfurmaw lil Bord li huma ma kinux f`posizzjoni li jiffurmaw rizoluzzjonijiet peress li meta Charles kien ittrasferixxa l-ishma tieghu a favur ulied, huwa kien zamm l-uzufrutt u l-*voting rights* bil-konsegwenza, li sa dak l-istadju, hi u huha ma kinux jafu ghand min kienu gew trasferiti dawn il-*voting rights*. Spjegat li f`dak iz-zmien, huma ma kinux jafu l-kontenut tat-testment ta` Charles u ghalhekk ma kinux jafu jekk Christian kienx ser ikun azzjonist u ghalhekk f`pozizzjoni li jkun direttur. Spjegat li hi u huha kienu ssuggerew li sakemm ikun maghruf il-kontenut tat-testment, Christian jew wahda minn hutu l-bniet jkunu rapprezentanti tal-familja taghhom u jinstemghu wkoll.

Xehdet illi meta missierha ghaddhielhom b`donazzjoni l-ishma tieghu, huwa zamm l-uzufrutt fuq l-ishma. Insistiet li kien hemm ftehim verbali bejn il-hamest ahwa subien, u wara bejn il-*legacy families* fis-sens li kull *legacy family* ghandha dritt tappunta direttur ta` l-ghazla taghha fil-bord tad-diretturi ta` FBS. Il-ftehim inghata l-forma ta` skrittura tal-11 ta` Jannar 2000.

Insistiet li l-ftehim bejn l-azzjonisti kien ikkonfermat matul is-snin ghaliex kull meta miet wiehed mis-subien azzjonisti/diretturi kien sostitwit mil-*legacy family*. Anke meta missierha ttrasferixxa l-ishma tieghu, kienu hi u huha li ghazlu min minnhom it-tnejn kien ser jirrapprezenta l-familja taghhom.

Stqarret illi hija kienet involuta fil-kumpannija meta gew mahtura Joseph u Christian fuq il-bord tad-diretturi. Dwar il-hatra taghha, sostniet li l-familja taghha infurmaw lil *company secretary* li hija kienet ser tkun id-direttur li tissostitwixxi lil missierha. Wara diversi ittri, u xhur wara, kienet prezentata Form K lir-Registratur tal-Kumpanniji. Wara kienet mitluba tiffirma rizoluzzjoni ta` l-azzjonisti b`decizjoni li hija kellha tigi appuntata bhala direttur. Din ir-rizoluzzjoni kienet bla data u meta vverifikat dwarha, Chris Degiorgio kien qalilha li hija kienet diga` appuntata izda li r-rizoluzzjoni kienet necessarja

bhala formalita` biss ; id-data kienet ser tinkiteb aktar `il quddiem mill-*company secretary.*

Dwar il-hatra ta` Joseph Busuttil, xehdet illi wara li rceviet ir-rizoluzzjoni tal-hatra taghha, irceviet rizoluzzjoni ohra bil-hatra ta` Joseph Busuttil bhala direttur. Billi kien ilu jattendi fuq il-bord tad-diretturi, ghamlet il-verifiki u sabet illi kien ghadu kif kien appuntat fil-bord. Hi u huha ma gewx ikkonsultati fl-ghazla ta` Joseph. Huma ffirmaw ir-rizoluzzjoni billi kienet biss formalita`.

Qalet illi mhux minnu illi l-ewwel kienet issir ir-rizoluzzjoni mill-azzjonisti u wara kienet tigi pprezentata l-Form K. Dwar ir-rizoluzzjonijiet li kienu ezebiti fil-kors ta` din il-kawza, xehdet illi hija ffirmat biss verzjoni wahda ta` dawk ir-rizoluzzjonijiet u cioe` dawk li kienu minghajr dati.

Stqarret illi l-ftehim li l-hamest ahwa subien ikollhom dritt jahtru rapprezentant taghhom kienet tapplika mhux biss fir-rigward ta` FBS izda wkoll ghall-kumpanniji sussidjarji.

Xehdet illi Chris Degiorgio qatt ma kien jirraprezenta l-interessi tal-familja taghha.

Hija cahdet li FBS timxi fedelment ma` dak stabbilit fil-*memorandum* u *articles of association* taghha.

**<u>Av. Lorraine Conti</u>** - *company secretary* tas-socjeta` attrici – xehdet illi kienet appuntata fis-7 ta` Marzu 2013.

Is-socjeta` attrici talbet minghandha parir dwar jekk kellhiex dritt tappunta d-direttur taghha go FBS u s-sussidjarji taghha.

Wara li fliet id-dokumenti kollha li waslu ghandha - konsistenti minn minuti u rizoluzzjonijiet – u wara li ghamlet ir-ricerki taghha, rat l-istatut ta` FBS, u staqsiet x`kien jigri fil-prattika meta jinhtar direttur.

Xehdet illi Louiana u Jean Paul Busuttil fissrulha illi kull darba li miet xi wiehed mill-hamest ahwa li fil-bidu kienu jaghmlu FBS kien jigi appuntat

awtomatikament membru tal-familja ta` dak is-*shareholder* originali minghajr ebda indhil mill-familji l-ohra.

Kienet infurmata illi qatt ma kien hemm diskussjoni jew ittiehed vot fil-kumpannija kull darba li kien ser jigi elett xi hadd gdid fil-FBS u lanqas qatt ma ssejhet laqgha generali ta` FBS biex jigi elett direttur hlief fil-kaz ta` Christian Busuttil.

Qalet illi daret il-minuti u r-rizoluzzjonijiet bil-miktub tal-kumpannija, izda ma sabet l-ebda diskussjoni bejn id-diretturi fuq il-hatra ta` diretturi.

Tghid illi sabet biss il-korrispondenza ta` meta kien mahtur Franco Busuttil bhala direttur ta` FBS. Irrizulta minn risoluzzjoni bil-miktub illi dan kien nominat direttur wara li T&L kienet mistiedna tinnomina direttur. Il-hatra kienet ikkonfermata b`risoluzzjoni ta` l-azzjonisti ta` l-FBS.

Fissret illi waqt korrispondenza li ghaddiet bejn il-kumpanija u FBS rigward il-hatra tad-diretturi ghall-bord ta` diretturi ta` FBS, Av J J Vella kien ghamel riferenza ghall-fatt li d-diretturi ta` FBS kienu gew appuntati mill-azzjonisti tal-FBS. Talbet lil Dr Vella fil-21 ta` Lulju 2014 sabiex jaghtiha access ghall-minuti kollha tal-laqghat generali tal-FBS kif ukoll ghar-rizoluzzjonijiet bil-miktub. Inghatat access fil-5 ta` Awissu 2014.

Kompliet tixhed li hija marret ma` Louiana Busuttil fl-ufficju ta` FBS biex tara l-minuti. Dakinhar sabet tlett rizoluzzjonijiet bil-miktub li qatt ma kienet rat qabel. Go wahda minnhom bid-data tas-6 ta` Mejju 2003 kien appuntat Franco Busuttil bhala direttur ta` FBS. Sabet rizoluzzjoni ohra li ma kinitx datata u li fiha kienet appuntata Suzanne Busuttil bhala direttur b`effett mit-2 ta` April 2008. Rizoluzzjoni ohra li ma kinitx datata kienet dik fejn kien appuntat Joseph Busuttil bhala direttur b`effett mill-5 ta` Mejju 2008. Talbet u nghatat kopja ja ta` dawn id-dokumenti, u osservat illi ghal FBS iffirma direttur wiehed u cioe` Franco Busuttil mentri skont l-istatut, ir-rapprezentanza legali kienet ta` zewg diretturi.

Rat id-dokumenti li fis-27 ta` Ottubru 2014 kienu annessi mar-risposta ta` FBS u l-azzjonisti l-ohra. Dawn huma datati bl-istess data ta` meta saret il-hatra tad-direttur rilevanti. Dawn kienu differenti minn dawk li nghataw lilha. Bejn l-1979 u Awissu 2014 kienu ittiehdu erba` rizoluzzjonijiet bil-miktub. Kwalunkwe decizjoni ohra, ittiehdet wara li saret diskussjoni bejn l-azzjonisti fl-ambitu ta` laqgha genearli. Kien ferm indikattiv li fejn jikkoncerna l-hatra ta`

diretturi, kien hemm qbil unanimu bejn il-partijiet minghajr ebda bzonn li ssir diskussjoni.

Mir-ricerka li ghamlet, ikkonkludiet illi kien hemm ftehim esplicitu bejn l-*original shareholders* rizultanti mid-dokument datat 11 ta`Jannar 2000, illi kull familja ta` *original shareholder* kellha d-dritt tappunta direttur maghzul minnha u ftehim implicitu ukoll f`dan l-istess sens bejn l-azzjonisti dixxendenti ta` l-*original shareholders* li jirrizulta (i) mill-agir ta` tali azzjonisti bejniethom matul iz-zmien fejn mal-mewt jew mar-rizenja ta` *original shareholder* gie nominat membru tal-familja ta` l-*original shareholder* minghajr indhil minn ebda familja ohra u liema agir kien kostanti matul iz-zmien u (ii) mid-dokumenti rilevanti.

Sostniet li l-hatra ta` kull direttur li ssir minn familja ta` *original shareholder* tghaddi mil-laqgha gernali ta` FBS skont l-istatut ghal semplici *rubber-stamping.*

**Av. Joseph J Vella** xehed illi huwa sar *company secretary* ta` FBS fit-23 ta` Ottubru 1996. Qabel dakinhar kien ilu avukat tal-kumpannija ghal diversi snin. Qabel inhatar *company secretary*, huwa kien jattendi regolarment bhala avukat fil-laqghat tal-bord. Dak iz-zmien, in-negozju kien maqsum fi tnejn – kien hemm Foster Clarks Products li kienet San Gwann u li kienet titmexxa ghaliha minn Frank Busuttil ; waqt li Louis Busuttil kien imexxi Santa Venera li kienet il-*local distributor*. Foster Clark kienet intiza biss ghall-esportazzjoni. Fl-1986 Foster Clark hadha f`idejh Charles Busuttil. Foster Clark kienet qed tikber kull sena u kienet qed tizboq bil-hafna x-xoghol ta` FBS.

Xehed illi FBS kienet il-holding company ta` Foster Clark. Fl-1988, beda jigi diskuss formalment ir-ristrutturar. Twaqqfet sussidjarja fl-2000 bl-isem ta` ` Francis Busutil & Sons (Marketing) Limited. Charles beda jinsisti fuq l-idea li kien hemm bzonn ta` nies izjed kwalifikati u professjonisti, u mhux necessarjament kunjomhom Busuttil, sabiex imexxu s-sussidjarji. Kien ighid illi jekk FBS tibqa` biss *holding company*, sa fejn hu possibbli, il-bord ta` dik il-kumpanija kellu jirrifletti l-azzjonisti. In segwitu qamet diskussjoni twila dwar jekk kull familja kellhiex id-dritt tappunta direttur.

Kompla jixhed illi fl-1996 miet Frank Busuttil. Ghalhekk fl-1998 kien baqa` hajjin l-erbat ahwa subien u Michael bhala rapprezentant tal-familja ta` Frank. Kien hemm diga` min kien qed ighid li ma riedx joqghod fuq il-bord. Infatti Tony Busuttil appunta lil Chris Degiorgio minfloku. Kull darba li kienet issir nomina tat-tfal, Charles kien jiccirkola rizoluzzjoni u jigbor il-firem ta` kulhadd. Imbaghad huwa stess kien jimla l-Form K izda din kienet issir biss

wara li jigbor il-firem ta` kulhadd. L-unika eccezzjoni sehhet meta kien mahtur Christian, it-tifel ta` Charles. Spjega li kien hemm vot formali u l-maggoranza ta` l-azzjonisti accettawh bhala direttur. Huwa kkonferma li kien hemm certa risentiment meta Louis Busuttil ghadda l-ishma tieghu lil T&L li hija *a holding company.*

Stqarr illi T&L kienet mitluba tipproponi min kien ser jirrapprezenta l-interessi taghha. T&L ipproponiet lil Franco Busuttil. L-azzjonisti kollha ghamlu rizoluzzjoni fejn qablu ma` din il-hatra. Fl-2005, kien qed jigi diskuss li kull azzjonist jaghmel bhalma ghamel Louis Busuttil izda mbaghad kien hemm xi azzjonisti li nsistew li biex jaghmlu hekk, riedu l-ewwel li ssir emenda fil-*memorandum* u *articles of association.*

Spjega li saru varji laqghat informali sabiex ikun hemm qbil dwar *memorandum* u *articles of association* godda. Madanakollu qatt ma kien hemm qbil. L-ahhar darba li qam is-suggett ta` r-ristrutturar kien fl-2006.

Sostna illi dak li hemm miktub fil-*memorandum* u l-*articles of association* ma kienx *overruled.* Il-hamest ahwa subien kienu t-tip illi jiggieldu hafna u mbaghad jergghu jaghmlu hbieb mill-ewwel.

Spjega li kien hemm attenzjoni kbira li d-dritt li kien jaghti l-istatut ossija li d-diretturi jkunu maghzula mill-maggoranza ta` azzjonisti ma jinbidilx.

Spjega li Joseph Busuttil u Suzanne Busuttil saru diretturi fl-2008, u kien hemm rizoluzzjoni *ad hoc* biex tikkonferma l-hatra taghhom. Ir-risoluzzjoni hija ffirmata mill-azzjonisti kollha.

Sostna li qatt ma kien hemm sitwazzjoni fejn ma kienx hemm unanimita` mill-azzjonisti kollha biex isiru diretturi.

Fisser illi d-dewmien fil-presentata tal-Form K kienet tigri ghaliex Charles kien jinsisti li jigbor il-firem ta` kulhadd qabel tigi pprezentata l-Form K. Sabiex inhatret Suzanne Busuttil, kien hemm dewmien ghaliex kien hemm oppozizzjoni kbira biex tinhatar bhala direttur.

Qal illi T&L m`ghandhiex dritt tappunta direttur. Biex tappunta direttur, irid ikun hemm l-adezjoni unanima ta` l-azzjonisti kollha. Fil-fatt ghad ma

hemm l-ebda bdil fil-posizzjoni ta` Franco Busuttil ghaliex sal-lum ir-rapprezentant ufficjali ta` T&L fuq il-bord ta` FBS huwa propju Franco li kien inhatar izda ma kienx imnehhi. Jekk T&L trid tnehhi lil Franco, hija trid issejjah *extraordinary general meeting* ta` FBS u titlob li jitnehha minn direttur. Sahaq illi hadd qatt ma kellu dritt li jinnomina direttur direttament.

Fil-**kontroezami**, ikkonferma li meta Charles Busuttil kien jitolbu sabiex jistenna li jkollu l-firem kollha qabel tigi pprezentata l-Form K, din kienet xewqa ta` Charles u ma kienx necessarju li jkun hemm unanimita. Sostna li kien hemm qisu ftehim li tingieb l-unanimita` ghalkemm fir-realta` b`maggoranza ta` 51% kien ikun bizzejjed biex jigi mahtur direttur.

Sostna li ghall-hatra ta` direttur kienet issir nomina mill-familja li fiha jkun miet id-direttur jew ikun irrizenja d-direttur. Spjega li dik in-nomina kienet tkun soggetta ghar-ratifika ta` l-azzjonisti. Dejjem hekk sar hlief fil-kaz ta` Christian.

Ikkonferma li l-istatut ma jghid xejn dwar dan. Kull ma jghid huwa li direttur ghandu jkun azzjonista.

Sahaq illi din il-prassi qatt ma saret konswetudni ghaliex ir-relazzjonijiet bejn il-hames familji ma kinux perfetti tant li kien hemm oppozizzjoni ghal certa nomini.

Insista li dak li kien tnizzel fil-*memorandum* u fl-*articles of association* baqghu validu matul is-snin. Waqt id-diskussjonijiet tal-bidu waqt it-tfassil tal-istatut, kien hemm oppozizzjoni kbira li tfal adottivi ma jkunux inkluzi u kien hemm opposizzjoni ghall-holqien ta` *class shares.*

Ikkonferma li kull familja dejjem intalbet taghmel nomina ta` direttur, izda dawn kienu jkunu infurmati illi din in-nomina kellha tkun soggetta ghat-tieni pass li kien isir b`rizoluzzjoni straordinarja li ssir bil-miktub. Il-Form K dejjem saret wara li kien hemm il-firem ta` l-azzjonisti kollha. In-nomina ta` Christian Busuttil saret mill-familja ta` Charles, tpoggiet ghall-vot u ghaddiet b`maggoranza ta` 80%.

Stqarr illi meta T&L saret azzjonista, kien hemm bzonn ta` emenda fl-istatut ta` FBS dwar *qualified* u *disqualified holding companies* sabiex ma jigux inkluzi persuni estrani ghall-familja Busuttil. Jiftakar illi meta T&L saret

azzjonista, Louis Busuttil baqa` direttur peress li huwa kien azzjonist ta` T&L u allura ndirettament kien ghadu azzjonist ta` FBS. Sostna li hadd ma ghazel li jkecci lil Louis. Il-kwistjoni qamet meta gie nieqes Louis.

Ikkonferma illi bir-ristrutturar, kien ser ikun hemm bdil drastiku fil-*memorandum* u *articles of association*, izda dan baqa` qatt ma sar.

Huwa cahad li kien hemm xi *interim agreements* vinkolanti fuq kulhadd.

Sostna li qatt ma kien hemm sitwazzjoni fejn minkejja dak li hemm fil-*memorandum* u fl-*articles*, ittiehdu decizjonijiet li huma vinkolanti u li jissuperaw dak li hemm miktub fl-istatut. Ghamel referenza ghal Dok LC 5 li huwa dokument datat 11 ta` Jannar 2000 u spjega li dan kien *memo* li baghat Charles u li spicca ma giex attwat. Fid-dokument, hemm imnizzel li Tony kien ser ibiegh sehmu, izda dan qatt ma sehh. Il-*memorandum* u l-*articles* ighidu li direttur irid ikun azzjonist. Charles xtaq inehhi din il-klawsola izda kien qed isib oppozizzjoni. Kien hemm dewmien fl-iffirmar tar-rizoluzzjoni dwar il-hatra ta` Suzanne Busuttil bhala direttrici ; u kien ghalhekk li Charles ried illi tibqa` minghajr data.

Spjega li qatt ma kien hemm xi azzjonist iehor li ppropona direttur alternattiv minflok il-familja li r-rapprezentant taghha kien miet.

Finalment xehed illi meta giet ipprezentata n-nomina ta` Brian Busuttil bhala direttur, kienet issejhet laqgha generali straordinarja, u l-mozzjoni ma ghaddietx wara li ttiehed vot.

**<u>Joseph Busuttil</u>** xehed illi huwa ilu involut fin-negozju tal-kumpanniji sa mill-1985. Spjega li Charles Busuttil kien jitlob nomina tad-direttur minghand il-familja koncernata ghal FBS. Imbaghad kienu jigu segwiti l-*articles of association.* Dawn qatt ma nbidlu ghalkemm kien hemm talab li jinbidlu izda baqa` ma kienx hemm bdil.

**<u>Brian Busuttil</u>** xehed illi fil-korrispondenza skambjata fit-12 ta` Settembru 1997, huwa kien talab spjegazzjoni ghalfejn il-familja tieghu giet eskluza mill-*management committee.* Kienu saru allegazzjonijiet li huwa ma kienx interessat fin-negozju meta fil-verita` huwa kien interessat u kien gie kostrett isib impjieg iehor peress li qatt ma ntalab jippartecipa fil-*management committee.* Missieru wkoll kien ikkontesta r-raguni ghalfejn il-familja tieghu

kienet eskluza mill-bordijiet ta` FBS Trading u Foster Clark Products. Wara dik il-korrispondenza, kien hemm hjiel li huwa kien ser jigi appuntat fuq il-bord ta` FBS Trading izda mhux fuq il-bord ta` Foster Clark Products. Madanakollu baqa` ma sar xejn.

Sostna li meta ohtu Suzanne tnehhiet minn direttur, huma sejhu laqgha generali straordinarja biex huwa jigi appuntat bhala direttur fuq il-bord ta` FBS. Il-mozzjoni ma kenitx ghaddiet.

Qal illi huwa qatt ma kien involut fil-kumpanniji jew fit-tmexxija taghhom. Il-ftit informazzjoni kienet tasal ghandu minghand ohtu meta kienet ghadha direttur. Wara li ohtu ma baqghetx direttur, mhux jinghata informazzjoni.

Insista li l-familja tieghu hija l-unika wahda li mhix rapprezentata fil-bordijiet tal-kumpanniji tal-grupp.

Qal illi l-ftehim kien li kull familja ghandha d-dritt tappunta persuna ta` l-ghazla taghha bhala r-rapprezentant taghha fuq il-bord ta` l-FBS u s-sussidjarji kollha.

Fil-**kontroezami** xehed illi T&L hija tal-istess fehma bhalhom illi kull familja suppost ikollha membru fuq il-bord. Meta kienet inhatret Suzanne, kienet maghzula minnu u minn missierhom, u kien accettata mill-ohrajn. Ikkonferma li zmien wara, huwa u ohtu kienu ffirmaw rizoluzzjoni dwar il-hatra ta` Suzanne bhala direttur, izda din kienet minghajr data. Fir-risoluzzjoni kien hemm post ghall-firem tal-azzjonisti kollha. Ir-rizoluzzjoni giet iffirmata anke wara li kienet pprezentata l-Form K. Fil-fatt il-Form K kienet ipprezentata qabel kienet iffirmata r-rizoluzzjoni.

## III. L-azzjoni attrici

Din il-kawza giet promossa in vista ta` dizgwid li nqala` meta Franco Busuttil, li skont T&L, kien jirraprezentaha fuq il-bord tad-diretturi ta` FBS informa lil hutu Louiana u Jean Paul illi kien qed jirrizenja minn direttur. Ghalhekk T&L ghaddiet biex tinnomina lil Jean Paul bhala direttur ta` FBS. Madanakollu, l-azzjonisti ta` FBS ma tawx effett ghan-nomina billi sostnew illi T&L m`ghandhiex il-jedd illi tahtar fuq il-bord tad-diretturi ta` FBS lill-persuna nominata minnha.

T&L qeghda ssostni illi bejn l-azzjonisti ta` FBS kien hemm u ghad hemm ftehim illi kull *original shareholder* taghha (frazi illi hija definita fl-*articles of association* ta` FBS) u l-familja immedjata ta` l-istess ghandhom id-dritt li tkun appuntata fuq il-bord tad-diretturi ta` FBS dik il-persuna skont l-ghazla taghhom sabiex kull familja ta` l-*original shareholders* ikunu rapprezentati fuq il-bord.

Ghalhekk is-socjeta` attrici pprezentat din il-kawza dikjaratorja sabiex il-Qorti tikkonferma dan id-dritt hekk kif pretiz minn T&L.

## IV. **Ir-ragunijiet tas-socjeta` attrici**

Is-socjeta` attrici gabet ir-ragunijiet taghha sabiex issostni l-pretensjoni taghha.

Tikkontendi li kien hemm **prassi kostanti** li saret *shareholders` agreement* ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Is-socjeta` attrici taghmel l-argument illi ftehim bejn l-azzjonisti huwa validu u ma hija mehtiega ebda formalita` ghall-validita` tieghu.

Tghid illi l-esistenza ta` dan il-ftehim tirrizulta *inter alia* minn prattika kostanti ta` l-azzjonisti ta` FBS u tal-kumpannija stess.

Skont is-socjeta` attrici, dak illi jsehh biex jinhatar direttur, huwa li l-*original shareholder* jew il-familja tieghu jindika x-xewqa tieghu u l-azzjonisti l-ohra kollha u l-kumpanija kienu jaghtu effett ghal din ix-xewqa billi jghaddu ghall-hatra. Dan kien isir bil-prezentata tal-Form K.

Skont is-socjeta` attrici, bhala *afterthought* u wara li tkun saret effettiva l-hatra, FBS kienet ticcirkola *ordinary resolution* bejn l-azzjonisti kollha li kienu jiffirmawha.

Skont is-socjeta` attrici, din ir-risoluzzjoni kienet biss semplici *rubber-stamping* ta` l-ghazla tal-familja koncernata li tkun qed taghzel id-direttur.

Is-socjeta` attrici tishaq illi din il-prassi fil-familja evolviet ruhha go *shareholders agreement* li jitwettaq dan il-metodu ta` hatra ta` diretturi, liema ftehim isir att tal-kumpannija, bl-istess mod bhallikieku ttiehdet decizjoni mill-azzjonisti fil-laqgha generali.

Saret referenza ghas-sentenzi Inglizi : **Re George Newman & Co (1895) 1 Ch 674 ; Parker and Cooper Ltd v Reading (1926) Ch 975 ; Re Pearce Duff & Co Ltd (1960) 3 All ER 222 ; Re Bailey, Hay Co ltd (1971) 3 All ER 693 ; u Re Gee & Co (Woolwich) Ltd (1974) 1 All ER 1149.**

Saret ukoll referenza ghal **Cane v Jones** (1981) 1 All ER 533 fejn inghad illi ftehim bejn l-azzjonisti kollha kien bizzejjed sabiex jemenda l-*articles of association* ta` kumpannija ghalkemm ma tkunx ittiehdet jew ghaddiet rizoluzzjoni straordinarja tal-azzjonisti.

Inghad ukoll illi ftehim bejn azzjonisti ghandu jitqies illi huwa fondat fuq il-principji tad-dritt dwar l-obbligazzjonijiet kontrattwali. Li hu importanti huwa li jkunu jissussistu r-rekwiziti tal-ligi li trid il-ligi sabiex ikun hemm kuntratt.

Is-socjeta` attrici ghamlet riferenza wkoll ghall-fatt li sehem ta` kumpannija huwa pakkett ta` drittijiet li l-azzjonista jkollu bhala konsegwenza tal-partecipazzjoni tieghu fil-kapital tal-kumpannija. Ghalhekk id-dritt tal-vot huwa biss wiehed mid-drittijiet konsegwenzjali, u fl-istess hin jaghmlu parti mis-sehem li l-azzjonista jkollu. Ghalhekk ma hemm xejn li jipprekludi azzjonista milli jiftiehem ma` azzjonista iehor jew anke ma` terz dwar kif ghandu jezercita d-dritt tal-vot tieghu, u dan iktar u iktar meta d-dritt ta` l-vot huwa essenzjalment dritt ta` proprjeta` (ara : **Re Astec (BSR) plc (1998) 2 B.C.L.C 556)**

Saret referenza ukoll ghall-kaz ta` **Greenwell v Porter** (1902) 1 Ch 530 fejn inghad illi :-

*It is common for the members for the time being of a private company to make among themselves a separate contract, called a unanimous shareholders` agreement, which supplements the articles and binds the members to operate the articles in a particular way. This is a private contract that does not form part of the company`s constitution.*

Is-socjeta` attrici kompliet tfisser illi ma hemm xejn fil-ligi li jesigi li ftehim bejn l-azzjonisti ghandu jkun bil-mitkub. Infatti ftehim in kwistjoni ma jinkwadrax ruhu fl-ambitu tal-Art 1233 tal-Kap 16. Kuntratt tax-xorta in ezami jista` jigi perfezzjonat bil-komportament uniformi tal-partijiet fin-negozju ta` bejniethom.

Saret ukoll referenza ghall-materja ta` obbligi assunti implicitament jew b`akkwiexxenza. Kien citat l-awtur **<u>Gabba</u>** li jsostni illi s-silenzju wahdu ghandu l-effett ta` assunzjoni ta` obbligu kull meta l-partijiet ghandhom ix-xjenza tal-fatt.

Ghalhekk is-socjeta` attrici taghmel l-argument illi l-azzjonisti kollha fiz-zmien relevanti kellhom gharfien tal-ftehim tal-awturi taghhom u taw effett ghal dak il-ftehim mal-medda tas-snin, minghajr ilmenti dwar il-validita` jew l-incidenza tal-applikazzjoni prattika tieghu.

Min-naha taghhom, il-bicca l-kbira tal-intimati (bl-eccezzjoni ta` Suzanne u Brian Busuttil) isostnu anke fil-kaz tal-lum id-diretturi jinhatru bil-vot tal-azzjonisti skont id-disposizzjonijiet tal-Kap 386.

Fl-Art 139(6) tal-Kap 386 jinghad illi l-hatra ssir '*by ordinary resolution of the company in general meeting'*.

In effetti l-*memorandum* u l-*articles of association* ta` FBS (art 7.2) jipprovdu biss li d-diretturi ghandhom jigu maghzula jew eletti minn fost il-membri stess (*The directors shall be chosen or elected from members in the company or members in the shareholding companies*).

## V. <u>Il-hatriet</u>

**Minn analizi ta` x`sar matul is-snin meta nhatru diretturi biex jiehdu post kull wiehed mill-hames subien ahwa Busuttil , il-Qorti tista` tasal ghal konkluzjoni taghha dwar jekk kienx hemm prassi, li biz-zmien saret konswetudni, jew li hadet is-sostanza ta` *shareholders` agreement* li jmur oltre l-*memorandum* u l-*articles of association.***

### a) <u>Il-hatra ta` Michael Busuttil minflok missieru Frank Busuttil</u>

Is-socjeta` attrici sahqet illi meta miet Frank Busuttil, kien mahtur ibnu Michael minghajr ebda formalita` ghajr li kienet registrata Form K.

Inghad ukoll illi ma tressqitx prova li sabiex saret din il-hatra, ittiehed xi vot jew saret rizoluzzjoni tal-kumpannija.

Il-Qorti ma taqbilx illi kien ippruvat illi l-hatra saret minghajr diskussjoni jew formalita`.

Huwa minnu li ma nstabux rizoluzzjonijiet ta` l-azzjonisti dwar din il-hatra partikolari izda b` daqshekk ma jfissirx li kien hemm prassi li kull direttur jigi mahtur mill-*original shareholder* jew il-familja immedjata tieghu.

Inoltre sabiex prassi tista` titqies li tkun evolviet biex issir soggett tad-dritt, irid ikun hemm *long term pattern*, kif ser tispjega aktar `il quddiem.

Fil-kaz tal-lum, dan ma rrizultax.

**b)** **<u>Il-hatra ta` Franco Busuttil minflok missieru Louis Busuttil</u>**

Meta miet Louis Busuttil, is-socjeta attrici rrilevat illi kien hemm skambju ta` ittri mal-Av. Joseph J. Vella – *company secretary* ta` FBS – fejn T&L kienet mistiedna tinnomina direttur '*in line with what had been done some years ago on the passing away of Frank Busuttil, on which occasion Michael Busuttil had been appointed to serve on the Board of FBS'.*

Is-socjeta` attrici tkompli tghid illi Franco Busuttil kien nominat permezz ta` rizoluzzjoni taghha ; imbaghad l-ghazla taghha kienet ikkonfermata b`rizoluzzjoni unanima ta` l-azzjonisti ta` FBS. Kien rimarkat illi ma kien hemm l-ebda diskussjoni, kontestazzjoni jew konsultazzjoni ma` l-azzjonisti l-ohra dwar l-ghazla li kienet ghamlet T&L ; l-azzjonisti l-ohra kemm taw effett ghal dik l-ghazla.

Madanakollu tajjeb jinghad illi fl-ittra tal-Av Vella lil T&L tas-27 ta` Frar 2003 inghad kjarament illi :-

*‘ … The memorandum and articles of FBS do not provide for shareholding classes such that therefore the Directors of this Company are not appointed in direct representation of the five shareholding families but are to be appointed by all the shareholders.’*

Tajjeb li jigi rimarkat ukoll illi meta fl-ewwel rizoluzzjoni ta` T& L, Franco Busuttil kien nominat bhala direttur, dik in-nomina kienet saret ghal zmien definit. Kien ghalhekk illi fl-istess ittra tas-27 ta` Frar 2003 (fol 65) intqal illi :

*‘the shareholders of FBS may choose to retain Franco Busuttil as a Director of FBS beyond the term stipulated in the T & L resolution given to me and referred to above.’*

Fil-fehma ta` l-Qorti, dak li sehh kien li saret nomina ghal direttur ; sussegwentement il-hatra jew l-ghazla effettiva saret mill-azzjonisti permezz ta` rizoluzzjoni. Infatti wara li saret in-nomina ta` Franco Busuttil minn T&L, saret rizoluzzjoni straordinarja datata 6 ta` Mejju 2003 (fol 37) waqt li l-Form K kienet registrata fil-5 ta` Gunju 2003 b` effett mit-23 ta` Mejju 2003 (fol 81).

**c) <u>Il-hatra ta` Joseph Busuttil jnr minflok missieru Joseph Busuttil snr</u>**

Dwar il-hatra ta` Joseph Busuttil, tirrizulta rizoluzzjoni ta` l-azzjonisti kollha kif ukoll Form K kompletata u li kienet registrata mar-Registratur tal-Kumpanniji.

Is-socjeta` attrici tikkontendi illi l-Form K kienetipprezentata qabel ma kienet iffirmata r-rizoluzzjoni.

Saret insistenza li ghal darb` ohra ma ssejhet ebda laqgha generali u ma saret l-ebda diskussjoni bejn l-azzjonisti dwar il-hatra.

Nonostante dak allegat, irrizulta li dwar Joseph Busuttil, saret rizoluzzjoni straordinarja datata 5 ta` Mejju 2008 (fol 40-41) filwaqt li Form K kienet registrata fit-12 ta` Mejju 2008 b` effett mill-5 ta` Mejju 2008 (fol 82).

Dan ikompli jikkonferma li l-hatra saret skont ma jipprovdu l-*memorandum* u l-*articles of association.*

d) **<u>Il-hatra ta` Suzanne Busuttil minflok missierha Anthony Busuttil</u>**

Is-socjeta` attrici tishaq illi mill-korrispondenza skambjata bejn il-familja ta` Anthony Busuttil, is-segretarju tal-kumpannija u c-Chairman ta` FBS jirrizulta illi li Suzanne Busuttil tinhatar direttur minflok missierha kien accettat mill-kumpannijaa minghajr problemi u minghajr ebda formalita`. La ssejhet laqgha generali, u lanqas ma saret referenza ghall-htiega li tittiehed rizoluzzjoni.

Is-socjeta`attrici tkompli ssostni illi x-xiehda ta` Av J J Vella fejn dan ighid illi kien hemm vot formali ghall-hatra ta` Suzanne Busuttil u li saret *shareholders` resolution* iffirmata mill-azzjonisti kollha li tirreferi ghall-hatra ta` Suzanne Busuttil u li giet datata 2 ta` April 2008 m`ghandhiex titwemmen meta titqies il-korrispondenza precedenti skambjata.

Saret insistenza da parti tas-socjeta` attrici illi r-rizoluzzjoni kienet iffirmata ferm wara li Suzanne Busuttil kienet mahtura direttur u ghahekk dik ir-rizoluzzjoni kienet biss semplici formalita` li kkonfermat l-ghazla ta` min kellu d-dritt jaghmilha minghajr konsultazzjoni jew kontestazzjoni.

Minn konsiderazzjoni tad-dokumenti relattivi, jirrizulta l-maqlub u cioe` illi kienet saret rizoluzzjoni straordinarja dwar il-hatra ta` Suzanne Busuttil datata 2 ta` April 2008 (fol 38-39) u l-Form K kienet registrata wara u cioe` fil-11 ta` April 2008 b` effett mit-2 ta` April 2008 (fol 82).

Fil-fehma ta` l-Qorti, dak li sehh kien illi l-familja ta` Anthony Busuttil intalbet taghmel nomina u dik in-nomina imbaghad kellha tghaddi mill-vot ta` l-azzjonisti permezz ta` rizoluzzjoni. Hekk sar biex tigi salvagwardata l-pozizzjoni ta` dritt ossija li kollox jitmexxa skont l-istatut tas-socjeta`.

e) **<u>Il-hatra ta` Christian Busuttil minflok missieru Charles Busuttil</u>**

Skont is-socjeta` attrici, il-hatra ta` Christian Busuttil kienet l-ewwel darba li hatra ta` direttur kienet diskussa bejn l-azzjonisti. Mal-mewt ta` Charles, il-kumpannija ccirkolat rizoluzzjoni sabiex jinhatar Christian izda Suzanne u Brian Busuttil ma kinux disposti jiffirmaw ghax kellhom dubbji dwar jekk Christian kienx jikkwalifika bhala membru tal-kumpannija u allura biex ikun direttur skont il-*memorandum*.

Is-socjeta` attrici tirreferi ghall-fatt li fil-minuti nghad illi : '*Dr Vella explained the background leading to this proposed appointment pointing out that this was being done in accordance with the family tradition on this issue and in line with what happened in similar occasions in the past.'* (fol 71)

Intqal ukoll mis-socjeta` attrici illi ghalkemm dwar Christian, ittiehed vot, effettivament l-azzjonisti vvutaw skont il-ftehim illi kull familja ghandha dritt ghal direttur fuq il-Bord.

Fil-fehma ta` l-Qorti, dak li sehh kien illi Christian kien nominat direttur, u kienet ser tigi cirkolata rizoluzzjoni bil-miktub sabiex l-azzjonisti jiddeciedu dwar in-nomina. Madanakollu, Suzanne u Brian Busuttil kellhom riservi dwar l-eligibilita` ta` Christian tant kienu jaghtu importanza lil dak li kien ighid l-istatut u cioe illi direttur ried ikun azzjonista !

Dwar dak li inghad mis-segretarju tal-kumpannija, dan kien ghamilha cara fil-laqgha generali straordinarja illi n-nomina proposta kienet skont tradizzjoni u kwindi ma kien hemm ebda irbit legali fuq l-azzjonisti.

Dwar Christian Busuttil, saret laqgha straordinarja ta` l-azzjonisti fl-24 ta` Novembru 2011 (fol 42-43) u l-Form K kienet registrata fit-28 ta` Novembru 2011 b` effett mill-24 ta` Novembru 2011 (fol 83).

Dan juri li bil-maqlub ghal dak li ssottomettiet is-socjeta` attrici ir-risoluzzjonijietiet relattivi kienu mehtiega *ad validitatem* u ma kinux semplici *rubber-stamping* jew *after thought.*

## f) <u>Konsiderazzjonijiet dwar il-hatriet</u>

Dak li l-Qorti tislet minn dawn l-istanzi ta` bdil fid-diretturi huwa li ghalkemm tassew kien hemm prattika fejn l-azzjonisti kienu jigu mitluba li jipproponu n-nomina ta` persuna mill-familja fejn ikun gie nieqes direttur sabiex l-ghazla proposta mill-familja titpogga ghall-vot ta` l-azzjonisti kollha ta` FBS, izda dik il-prattika ma kinitx tammonta ghall-akkwisizzjoni ta` xi dritt minn kull familja illi tahtar hi direttament l-ghazla taghha ta` direttur fuq il-bord. Li kieku verament kien hemm dan id-dritt xejn ma kien jaghmel sens li ssir rizoluzzjoni mill-azzjonisti kollha jew li jissejhu laqghat straordinarji sabiex jigi ikun mahtur jew rifjutat direttur.

Din il-Qorti taghti ukoll piz ghall-fatt illi l-azzjonisti rrifjutaw li jahtru lil Brian Busuttil fil-laqgha generali straordinarja tat-28 ta` Marzu 2013 wara li dan kien propost ghall-kariga mill-familja tieghu.

Huwa ben evidenti illi d-decizjoni ta` l-azzjonisti pprevaliet fuq dak li pproponiet dik il-familja, u ghalhekk Brian Busuttil ma kienx mahtur direttur.

Bhala fatt il-familja ta` Anthony Busuttil ilha mid-19 ta` Frar 2013 minghajr direttur *taghha* fuq il-bord ta` FBS.

Inoltre wara li Suzanne Busuttil tnehhiet minn direttur, il-familja taghha mxew ma` dak li kien ighid l-istatut, u ghamlu talba biex issir laqgha straordinarja ghall-hatra ta` direttur iehor mill-azzjonisti.

**Ghalhekk il-Qorti - minghajr l-icken esitazzjoni – tghid illi ma giex ippruvat illi prattika kkulminat jew ittrasformat ruhha fi *shareholders` agreement* li kellu jissupera dak stipolat fil-*memorandum* u fl-*articles of association.***

## VI. <u>Konsiderazzjonijiet ohra</u>

Tajjeb jinghad illi s-socjeta` attrici ma sostnietx l-istanza taghha fuq il-pretensjoni li kien hemm prassi matul iz-zmien dwar il-hatra ta` diretturi.

Marret oltre.

U sahqet li kien hemm ukoll skrittura iffirmata bejn il-partijiet li tirrifletti s-*shareholders` agreement*.

Is-socjeta` attrici fissret il-posizzjoni taghha billi qalet illi kien hemm skrittura li tirrifletti l-ftehim bejn l-azzjonisti.

Ghamlet riferenza ghad-dokument ffirmat mill-azzjonisti jew rapprezentanti taghhom fix-xahar ta` Jannar 2000 (Dok JP 9 a fol 134 et seq).

Fid-dokument kienu nseriti diversi punti li l-azzjonisti qablu dwarhom.

Is-socjeta` attrici sahqet li dak il-ftehim ma kienx *lettera morta* bhalma xehed li kien Av J. J. Vella. Dik l-iskrittura kienet intiza biex tikkonsolida dak li kien diga` kien maqbul u fil-maggoranza tieghu kien twettaq bejn il-partijiet bejn l-1997 u l-2000.

Sar l-argument illi kien hemm numru ta` affarijiet fil-ftehim li kienu gew attwati kif ukoll kien hemm ohrajn li ma kienux twettqu.

Ghalhekk il-fatt li kien hemm affarijiet li ma gewx implimentati, ma jfissirx b`daqshekk li l-ftehim huwa *lettera morta*.

Madanakollu, meta jigi evalwat il-kontenut ta` l-iskrittura, jidher li l-kontenut ma giex implimentat.

Fl-ewwel lok, il-*management committee* li kellu jkun kompost mill-membri zghar tal-familja flimkien ma` Charles qatt ma twaqqaf.

Fit-tieni lok, il-process sabiex FBS tigi konvertita ghal *holding company* inbeda izda ma ntlahaqx ftehim partikolarment ghal dak li ghandu jirrigwarda qbil dwar *memorandum* u *articles of association* godda.

Fit-tielet lok, il-pjan li tigi mibdula l-kompozizzjoni tal-bord ta` l-*operating company* sabiex jinkludi terzi persuni li mhumiex membri tal-familja qatt ma twettaq hlief fl-2015 u fl-2016, ossija hmistax-il sena wara d-data ta` dan id-dokument.

Fir-raba` lok, fl-iskrittura tnizzel illi Anthony Busuttil iddikjara li uliedu ma kienux interessati fin-negozju tal-familja u li huwa kien qed jikkonsidra ibiegh l-ishma tieghu. Dan il-propositu ta` Anthony Busuttil baqa` ma avverax ruhu ghax il-familja ta` Anthony Busuttil ghadha parti minn FBS.

L-assjem ta` fatti u cirkostanzi juri illi dak kontenut fl-iskrittura baqa` ma kienx implimentat u fil-verita` spicca *lettera morta* ghaliex baqa` ma ntlahaqx ftehim <u>vinkolanti</u> bejn l-azzjonisti.

Inoltre li kieku verament dan kien jammonta ghal *shareholders` agreement*, ma kienx hemm raguni ghall-iskambju ta` korrispondenza bejn il-legali ta` l-azzjonisti sabiex jkun hemm bdil fil-*memorandum* u *articles of association* dwar il-mod kif jigu mahtura d-diretturi. Tant hu hekk illi l-legali ta` T&L stess baghat korrispondenza fis-6 ta` Settembru 2000 dwar il-bzonn ta` bidla dwar il-mod kif jigu mahruta d-diretturi.

Din il-Qorti gharblet is-sottomissjonijiet tal-intimati u anke l-iskrittura.

*Jidher* li dan id-dokument tal-11 ta` Jannar 2000 kien iffirmat mid-diretturi ta` FBS u mhux mill-azzjonisti. L-iskrittura mhijiex iffirmata mis-socjeta` attrici li kienet l-azzjonista ta` FBS fiz-zmien tal-firma tal-iskrittura.

Lanqas ma hija l-iskrittura ffirmata mill-azzjonisti li kienu werrieta ta` Frank Busuttil u li fiz-zmien ta` l-iffirmar, kienu Antonia Busuttil, Simone Pace Busuttil, Maria Schaerrer Busuttil flimkien ma` Michael Busuttil. Michael Busuttil biss kien iffirma din l-iskrittura.

Jidher li d-dokument kien biss *memo* jew *aide mémoire* dwar diskussjonijiet li kienu saru bejn il-persuni hemm indikati ezattament tlett snin qabel ma kien iccirkolat.

Dak li <u>attwalment</u> gara kien illi min iffirma fl-2000 kienu d-diretturi ta` FBS li hadu decizjoni li jaghtu bidu ghal process biex jaghtu effett ghal punti li kienu sollevati.

Din il-Qorti ma tistax tqis illi dik l-iskrittura hija *shareholders` agreement* vinkolanti fuq il-partijiet ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Minn dak li jinghad fl-iskrittura, jirrizulta li tnizzel biss dak li kien diskuss '*during these discussions*'.

Tnizzel illi kellu jsir '*the necessary paperwork and structure to convert FBS Ltd from an operating company to that of a holding company, in which each branch of the five families will appoint a director*'.

Il-fatt li tnizzel dan jindika li kien rikonoxxut mid-diretturi li hadu sehem fid-diskussjonijiet li ma kien jezisti l-ebda dritt spettanti lill-hames familji li jappuntaw direttur u ghalhekk sar ftehim li jibdew iwettqu t-triq b`mod li eventwalment ikun hemm dritt ta` dik ix-xorta inserit fil-*memorandum* u l-*articles of association.*

**Din il-Qorti tghid illi l-iskrittura tkompli tikkonferma kemm fil-verita` ma kien jezisti l-ebda dritt jew ftehim bejn l-azzjonisti li kull *original shareholder* ghandu dritt ghal hatra ta` direttur ta` l-ghazla tieghu.**

Li kieku dan kien minnu, x` kien is-sens u l-bzonn li fl-1997 u fl-2000 ikun diskuss jekk kull fergha tal-familja kellhiex tinghata d-dritt li tahtar direttur ?

Din il-Qorti tara li l-fatt li nhass il-bzonn li jigi diskuss bdil dwar il-hatra ta` diretturi ghall-futur ifisser li l-pozizzjoni attwali kienet differenti u kienet konformi ma` dak stabbilit fil-*memorandum* u *articles of association.*

Fuq nota finali, il-Qorti tqis ukoll li anke li kieku ghall-grazzja ta` l-argument biss, l-iskrittura kellha titqies bhala *shareholders` agreement,* il-Qorti xorta wahda ma tistax tifhem kif dan jista` b` xi mod jorbot lil FBS.

Is-socjeta` rikorrenti argumentat li mhux mehtieg li l-kumpannija infisha tkun parti tal-ftehim. Sostniet izda li l-kumpannija hija parti ghall-ftehim mertu tal-kawza ghalkemm ma kienx hemm il-htiega li tkun parti. Id-dokument ta` Jannar 2000 sar parti mill-minuti tal-kumpannija, kien accettat mill-kumpannija, u sar att ta` l-istess kumpanija. Is-socjeta` rikorrenti fissret illi l-fatt illi tigi registrata Form K qabel issir *ordinary resolution* oggettivament tfisser li l-kumpannija aderiet ma` dak li l-azzjonisti ghamlu informalment bejniethom.

Dwar l-allegazzjoni li l-iskrittura saret att ta` FBS, il-Qorti ma ssibx li tressqu provi f`dan ir-rigward.

Gustament l-intimata FBS ghamlet referenza ghall-provvediment ta` din il-Qorti fl-atti tar-rikors ghal hrug ta` mandat ta` inibizzjoni numru 181/07 JRM fl-ismijiet **Joseph Vincent sive Jovan Mizzi et vs Mizzi Group Limited et** tas-7 ta` Marzu 2007 fejn il-Qorti rrilevat illi *ftehim bejn azzjonisti …. is purely personal and binds only the individual shareholder who has become a party to*

*the contract u ma torbotx ukoll lill-kumpanija, l-aktar meta l-kumpanija ma tkunx firmatarja ta` dak il-ftehim... A shareholders` agreement can have the effect of binding the shareholders whilst being void as against the company.*

Saret referenza wkoll ghall-kaz Ingliz **Welton vs Saffery** (1897) A.C 299, fejn inghad illi : ' ... *individual shareholders may deal with their own interests by contract in such way as they may think fit. But such contracts, whether made by all or some only of the shareholders, would create personal obligations, or an exceptio personalis against themselves only and would not become a regulation of the company or be binding on the transferees of the parties to it, or upon new or non assenting shareholders.'*

Saret ukoll riferenza ghad-decizjoni tat-18 ta` Lulju 2007 fil-kawza '**Robert Damkjaer (Malta_ Limited vs Dr Henri Mizzi noe et**' fejn inghad illi ladarba s-socjeta` rikorrenti mhjiex parti mis-*shareholders` agreement* ma tistax toqghod fuqu, u twettqu.

**Din il-Qorti tghid illi l-iskrittura de qua ma kinitx tammonta ghal *shareholders` agreement* u ghalhekk is-socjeta` attrici ma tistax isserrah il-kaz taghha fuq dak id-dokument billi dik l-iskrittura mhijiex vinkolanti ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.**

Is-socjeta` attrici ghamlet ukoll l-argument illi tassew illi fil-*memorandum* hemm imnizzel li diretturi jistghu jigu eletti jew maghzula mill-membri tal-kumpannija. Is-socjeta` rikorrenti sostniet li r-referenza ghall-ghazla ta` diretturi, kuntrarjament ghall-hatra ta` diretturi, hija in linja mal-fatt li kien hemm vigenti dak li sejhet *shareholders agreement* fejn il-familja immedjata ta` *original shareholder* ghandha s-setgha li taghzel direttur hi biex jirraprezenta l-interessi taghha. Intqal li dak li sehh matul is-snin, kien li saret ghazla tad-diretturi u li dan ma jmurx kontra l-*memorandum*.

Dan premess, u b`riferenza ghall-*articles of association* ta` FBS, is-socjeta` attrici ghamlet il-punt illi l-Art 5.7 ma jsemmiex li l-laqgha generali ghandha l-poter li tahtar diretturi.

Skont ir-rikorrenti, din l-ommissjoni fl-*articles of association* evidentement saret minhabba l-ftehim bejn l-azzjonisti.

Il-Qorti mhijiex konvinta li kien hemm xi prassi jew addirittura konwetudni li tikkorrabora t-tezi tal-attrici.

Lanqas  ma hija konvinta li hemm xi ftehim bil-miktub li jigbor it-tezi tar-rikorrenti.

Ghal din il-Qorti li rrizulta ben evidenti huwa li fejn kien hemm bzonn li jsir bdil fil-*memorandum* u *articles of association*, minhabba zviluppi godda, dan il-bdil dejjem kien rifless fil-*memorandum* u *articles of association*.

Irrizulta mill-iskrittura de qua mill-mod kif dejjem imxiet il-familja fir-rigward ta` tibdil fir-regoli ta` bejniethom, dawn dejjem kienu assoggettati ghall-kitba fil-forma ta` tibdil fl-istatut.

Minkejja din il-preokkupazzjoni tal-familja Busuttil li kollox ikun mnizzel b` mod korrett fil-*memorandum* u *articles of association* ta` FBS, ma ttiehdu l-ebda passi sabiex dik l-iskrittura de qua jew din l-allegata *family tradition* tigi riflessa fil-*memorandum* u *articles of association* ta` FBS.

**Infatti, il-*memorandum* u l-*articles of association* baqghu l-istess u bla mittiefsa fir-rigward ta` l-hatra ta` diretturi.**

**Jinghad li l-istatut ta` FBS ma kienx xi statut *standard*  izda kien wiehed li kien redatt apozitament ghal din il-kumpannija partikolari.**

**B`zieda ma` dan, kull darba li kien hemm qbil dwar xi bidla fir-regoli li jorbtu lill-azzjonsiti, din saret dejjem tramite bidla fl-istatut.**

Ladarba l-*memorandum* u *articles of association* ta` FBS huma siekta dwar il-mod tal-hatra tad-diretturi, ghandu jghodd dak illi jghid l-**<u>Art 139(4) tal-Kap 386</u>** li jghid :-

*unless otherwise provided in the memorandum or articles of a company, a director of a company other than the first dirctors shall be appointed by ordinary resoltion of the company in general meeting.*

Fil-fatt hekk sar.

Fil-kaz ta` certa hatriet inkluzi dawk ta` Franco, Joseph u Suzanne Busuttil, l-azzjonisti kienu ghazlu li jahtru d-direttur permezz ta` rizoluzzjoni sottoskritta mill-azzjonisti kollha. Din tekwivali ghal approvazzjoni unanima f`laqgha generali skond l-**Art 210 tal-Kap 386**.

Mentri fil-kaz ta` Christian Busuttil saret laqgha generali straordinarja ta` l-azzjonisti fejn giet approvata b`maggoranza ta` 80% ta` l-azzjonisti.

**Ir-referenza li saret mis-socjeta` rikorrenti ghall-implikazzjonijiet u effetti ta` *shareholders` agreement* ma japplikawx ghall-kaz odjern peress li f`dan il-kaz, ma hemmx dan is-*shareholders` agreement* la bil-fomm u lanqas bil-miktub.**

**Din il-Qorti taqbel li jekk ikun hemm ftehim bejn l-azzjonisti dan huwa validu u jorbot lill-istess azzjonisti anke jekk dan ikun jirrigwarda d-dritt tal-vot ta` l-azzjonisti. Madanakollu, dak li kellu jigi ppruvat fl-ewwel lok huwa li kien hemm ftehim ezistenti bejn l-azzjonisti. Kellha ssir prova li kien hemm ftehim vinkolanti ezistenti li johloq rabta kuntrattwali – prova li ma saritx.**

Din il-Qorti tat ukoll piz ghall-fatt li s-socjeta` l-ohra tal-familja Busuttil, ossija B & S Contractors Limited li kienet registrata fid-29 ta` Gunju 1996 tipprovdi fl-istatut taghha li l-azzjonisti huma maqsuma fil-klassijiet skont il-familji u gie stipulat b`mod car ghall-ahhar li kull klassi ghandha d-dritt li tahtar direttur. L-azzjonisti taz-zewg kumpaniji huma l-istess, hlief ghal xi differenzi zghar fil-persentaggi, u ghalhekk kien ikun facli li l-azzjonisti ta` FBS jaqblu bejniethom sabiex jibdlu l-istatut ta` l-istess u b`hekk inehhu kull dubbju izda dan ma sarx.

**Fil-fehma ta` l-Qorti, l-azzjonisti kellhom id-dritt li jahtru jew jaghzlu d-diretturi bil-vot liberu taghhom, izda l-istess azzjonisti dejjem ezercitaw il-vot taghhom b`mod li assiguraw li kull familja tal-hamest ahwa subien tkun rapprezentata, mhux bi dritt imma fid-dawl ta` l-armonija li hija fl-ahjar interess ta` kulhadd.**

**Din il-Qorti tqis li qatt ma kien hemm ftehim li jorbot lill-azzjonisti ta` FBS b`mod li kull familja tal-hamest ahwa subien ikollha direttur. Kull nomina ma kenitx tigi accettata ghax kien hemm dritt.**

**Ghalhekk il-Qorti sejra toqghod fuq dak stipolat fil-*memorandum* u *articles of association* ta` FBS.**

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-**

**Tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Suzanne Busuttil u Stealth Holdings Limited.**

**Tilqa` l-eccezzjonijiet tal-konvenuti l-ohra.**

**Tichad it-talba attrici.**

**Tordna lill-konvenuti Suzanne Busuttil u Stealth Holdings Limited sabiex ihallsu l-ispejjez taghhom.**

**Tordna lill-kumpannija attrici sabiex thallas il-bqija tal-ispejjez ta` din il-kawza.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**